MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 527/2001/1

**Avviz Nru:- 527/01**

**HLB Advisory Services Limited**

**vs**

**G&S Falzon Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija tmienja u sittin liri Maltin (Lm368.00) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-avviz, import ta’ hlas ta’ xoghol ta’ natura professjonali u spejjez rezi a kariku tas-socjeta’ konvenuta, skond il-prospett (Dok A).

Bl-ispejjez, komprizi Lm5.75 tal-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Mejju 2001 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti prezentaw nota t'ammissjoni fir-registru tat-8 ta' Novembru tas-sena 2001.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija tmienja u sittin lira (Lm368.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b'effett mid-29 ta' Mejju tas-sena 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------